TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 217/16/F

**Anthony u Grace Falzon**

**vs**

**Robert Tabone għan-nom tas-soċjeta' intimata Top Choice**

Illum 25 ta' Lulju, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Novembru, 2016 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' disgħa u tletin ewro (€39), rappreżentanti prezz ta' *toaster* li xtraw mingħand id-ditta ntimata li wara ftit xhur ma baqgħetx taħdem.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata debitament notifikata u msejjħa tlett darbiet ma dehritx għas-seduta, u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw *toaster* mingħand is-soċjeta' ntimata u wara ftit xhur ma baqgħetx taħdem tajjeb.

It-Tribunal, jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli, u li l-intimat ma kkontestax din it-talba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' disgħa u tletin ewro (€39), u b'dan illi t-*toaster* tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888